KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI STIX-HACKL

ippreżentati fl-14 ta' Settembru 2006[1]

I — Kunsiderazzjonijiet preliminari

1. Dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, bħal rikors ieħor ippreżentat b'mod parallel miegħu[2], jirrigwarda l-kwistjoni dwar liema rekwiżiti fir-rigward tat-trasparenza tal-proċeduri ta' għoti tal-kuntratti pubbliċi jistgħu jitnisslu mid-dritt primarju. Din il-kawża tikkonċerna, b'mod partikolari, l-obbligi li jitnisslu mil-libertajiet fundamentali u mill-prinċipji ġenerali fil-qasam ta' għoti ta' kuntratti, li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi. Finalment, din il-kawża tikkonċerna l-interpretazzjoni u l-iżvilupp tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Telaustria u Telefonadress[3] u Coname[4].

2. Minkejja l-fatt li d-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku[5] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 92/50") — sostitwita sadanittant mill-hekk imsejjaħ "pakkett leġiżlattiv" — tinkludi l-għoti ta' kuntratti li jirrigwardaw servizzi fil-qasam ta' sokkors ta' emerġenza, li huma s-servizzi in kwistjoni f'din il-kawża, hija tinkludi biss il-kuntratti li huma bbażati fuq kuntratt bil-miktub.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

3. Din il-kawża tikkonċerna primarjament il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, jiġifieri l-Artikolu 49 KE.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi, ippreżentati llum, fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-507/03).

3 — Sentenza tas-7 ta' Diċembru 2000 (C-324/98, Ġabra p. I-10745).

4 — Sentenza tal-21 ta' Lulju 2005 (C-231/03, Ġabra p. I-7287).

5 — ĠU L 209, p. 1.

4. Jeħtieġ ukoll li jsir riferiment għad-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 86 KE, li fl-ewwel paragrafu jistipula l-obbligi ta' l-Istati Membri fil-konfront ta' impriżi partikolari u fil-paragrafu 2 jirregola l-obbligi ta' l-impriżi speċifiċi, u preċiżament fuq kollox dawk ta' l-impriżi responsabbli għall-għoti ta' servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali.

B — *Id-dritt nazzjonali*

5. L-Artikolu 65(1) tal-Health Act 1953, jipprovdi dan li ġej:

"Bla ħsara għad-direttivi ġenerali tal-Ministru, dipartiment tas-sanità jista', taħt il-kundizzjonijiet u skond il-modalitajiet meqjusa xierqa, jassisti lil entità li tipprovdi jew li tipproponi li tipprovdi servizzi, simili jew komplementari għal dawk li d-dipartiment tas-sanità jista' jipprovdi, b'waħda jew iktar mill-modalitajiet li ġejjin:

(a) billi jikkontribwixxi għall-ispejjeż sostnuti mill-entità,

[...]".

6. L-Artikolu 25 tal-Fire Services Act 1981 jipprovdi dan li ġej:

"Awtorità għall-prevenzjoni ta' nirien (skond l-Artikolu 9 tal-Liġi, l-awtoritajiet għall-prevenzjoni ta' nirien huma l-awtoritajiet lokali) tista', indipendentement mill-eżistenza ta' periklu ta' nar, tagħmel l-interventi ta' emerġenza kollha jew tieħu sehem fihom, u bħala konsegwenza, taddotta dawk il-miżuri għall-għajnuna jew għas-sigurtà ta' persuni u għall-protezzjoni tal-proprjetà li tqis meħtieġa għal tali skop".

III — Il-fatti, il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

7. Wara li sar ilment, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej saret taf bil-mod kif jingħataw kuntratti għal servizzi ta' ambulanza ta' emerġenza fl-Irlanda. Peress li kkunsidrat li skond id-Direttiva 92/50, l-imsemmi għoti ta' kuntratti kellu jingħata pubbliċità, il-Kummissjoni bdiet skambju ta' korrispondenza ma' l-Irlanda sabiex tivverifika l-eżistenza ta' kuntratt, li kien imissu ġie suġġett għal obbligi partikolari ta' pubblikazzjoni.

8. Fit-28 ta' Novembru 2001, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Irlandiżi informazzjoni fuq ir-rapport bejn id-Dublin City Council (iktar 'il quddiem id-"DCC") u l-Eastern Regional Health Authority (iktar 'il quddiem l-"Authority"). Peress li ma rċeviet l-ebda risposta, il-Kummissjoni bdiet proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skond l-Artikolu 226 KE.

9. Fir-risposta tat-18 ta' Ġunju 2002, l-awtoritajiet Irlandiżi sostnew li s-servizzi pprovduti mid-DCC u mħallsa mill-Authority skond l-Artikolu 65(1)(a) tal-*Health Act 1953*, ġiet effettwata mid-DCC b'mod indipendenti bħala *"principal"* u mhux abbażi ta' kuntratt ma' l-Authority u lanqas taħt il-kontroll jew is-superviżjoni tagħha. Barra minn hekk, tali servizzi kienu ilhom jiġu pprovduti għal għexieren ta' snin.

10. Fl-ittra tagħha tad-9 ta' Awwissu 2002, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Irlandiżi d-dokumenti kollha li setgħu jkunu rilevanti sabiex tiġi ddeterminata r-relazzjoni bejn id-DCC u l-Authority.

11. Fid-19 ta' Settembru 2002, id-dipartiment tas-sanità u tat-tfal bagħat risposta lill-Kummissjoni u sensiela ta' dokumenti.

12. Il-Kummissjoni baqgħet iżżomm il-pożizzjoni tagħha li kien hemm ksur tad-dritt Komunitarju u fis-17 ta' Diċembru 2002 bagħtet lill-Irlanda opinjoni motivata skond l-Artikolu 226 KE. Permezz ta' ittra ta' l-14 ta' Frar 2003, l-awtoritajiet Irlandiżi bagħtu lill-Kummissjoni risposta dettaljata, li l-Kummissjoni ma kkunsidratx li kienet sodisfaċenti.

13. Fir-rikors tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni titlob li din jogħġobha:

1) tiddikjara li l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond it-Trattat KE meta ppermettiet li s-servizzi ta' ambulanza ta' emerġenza jiġu pprovduti mid-Dublin City Council mingħajr ma l-Eastern Regional Health Authority ħadet ebda miżura ta' reklamar; u

2) tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż tal-Kummissjoni.

14. L-Irlanda titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1) tiċħad ir-rikors tal-Kummissjoni;

2) tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

IV — L-argumenti tal-partijiet u ta' l-intervenjenti

A — *Il-Kummissjoni*

15. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, il-bażi għall-provvista ta' servizzi ta' ambulanza ta' emerġenza ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/50 minħabba n-nuqqas ta' kuntratt bil-miktub. Madankollu, mil-libertajiet fundamentali, u b'mod partikolari mill-Artikoli 43 KE u 49 KE, u mill-prinċipji ġenerali tad-dritt jitnisslu obbligi partikolari. Bla ebda dubju, dawn il-prinċipji jinkludu wkoll il-prinċipju ta' trasparenza kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' non-diskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għad-deċiżjonijiet fil-kawżi Telaustria u Telefonadrem, iċċitata iktar 'il fuq u Vestergaard (sentenza tat-28 ta' Ottubru 1999, C-55/98, Ġabra p. I-7641).

16. L-Istati Membri huma ħielsa jagħżlu proċedura partikolari, iżda meta jagħmlu dan għandhom jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju. L-istess Stati Membri għandhom, b'hekk, jipprovdu għal forma adegwata ta' reklamar, skond it-tip ta' servizz u skond il-grupp ta' impriżi interessati fiha.

17. Bħala gwida fuq l-argument, il-Kummissjoni tirreferi għall-komunikazzjoni interpretattiva tagħha dwar il-konċessjonijiet fid-dritt Komunitarju [6].

18. Minn diversi ittri, u b'mod partikolari mill-ittra tal-"Finance Officer and Treasurer" tad-DCC tal-15 ta' Jannar 1999, jirriżulta li f'Ġunju ta' l-1998 ġew konklużi ċerti ftehim għas-servizzi li kellhom jingħataw, u abbażi tagħhom ġie mfassal ukoll abbozz ta' kuntratt. Huwa irrilevanti għall-finijiet tad-dritt Komunitarju kif dan il-kuntratt jiġi kklassifikat skond id-dritt nazzjonali.

19. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkontesta l-argument ta' l-Irlanda, li ssostni li s-servizzi ma ġewx ipprovduti f'isem l-Authority, peress li l-funzjonijiet ta' din ta' l-aħħar jinvolvu, fost funzjonijiet oħra, il-kontroll tal-provvista ta' tali servizzi. Anki jekk id-DCC ma jkollu ebda obbligu li jipprovdi dawn is-servizzi, l-Authority għandha dejjem tiżgurhom, proprju, kif jirriżulta mill-imsemmi abbozz tal-kuntratt.

6 — ĠU 2000, C 121, p. 2.

20. Kieku l-Irlanda kellha targumenta li l-provvista ta' servizzi — li saret mingħajr reklamar — hija bbażata fuq l-Artikolu 65(1) (a) tal-Health Act, dan ma jkun ifisser xejn ħlief li l-imsemmija dispożizzjoni tmur kontra l-Artikoli 43 KE u 49 KE. Madankollu, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni tawtorizza lill-Authority tilħaq ftehim biss. Ma twaqqafhiex milli tagħmel sejħa għal offerti. It-tip ta' servizz u l-fatt li ma jkunx popolari fost l-impriżi ma jippermettulhiex li tinjora kull tip ta' reklamar.

21. Il-fatt li l-Authority ma tagħtix b'outsourcing is-servizzi li huma s-suġġett ta' dan ir-rikors jekk dawn ma jiġux ipprovduti mid-DCC ma jiednix il-proċedura leċita.

22. Barra minn hekk lanqas ikun ġust li tiġi applikata d-deroga prevista fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/50.

23. Fl-aħħar nett, għandu jiġu miċħud ukoll l-argument li dan huwa każ li jinvolvi l-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skond l-Artikolu 86(2) KE. Fil-fatt l-osservanza ta' l-obbligi li jitnisslu mit-Trattat ma timpedixxix it-twettiq tal-funzjonijiet partikolari assenjati. Barra minn hekk, mhuwiex ċar jekk huwiex id-DCC jew l-Authority li għandu jitqies bħala impriża inkarigata mill-provvista ta' servizzi.

24. Meta targumenta li s-servizzi ta' ambulanza ta' emerġenza huma pprovduti mingħajr ħlas, l-Irlanda tkun qed tikkonfondi s-servizzi li jgawdu minnhom individwi ma' dawk ipprovduti lill-Authority.

25. Rigward l-argument ta' l-Irlanda li d-DCC ma jitħallasx lura l-ispejjeż kollha, il-Kummissjoni, li tikkontesta dan l-argument, tiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' rilevanza tiegħu.

26. Dwar l-opinjoni tal-Gvern Olandiż li l-applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali titlob il-preżenza ta' element transnazzjonali, il-Kummissjoni tosserva li dan l-element jeżisti f'dan il-każ.

27. Ir-restrizzjoni msemmija mill-Gvern Olandiż fir-rigward tal-prevalenza tad-dispożizzjonijiet ta' armonizzazzjoni hija bbażata fuq il-fatt li ma fehmx sew il-kawżi ċċitati. Barra minn hekk, l-istess Direttiva 92/50 tipprovdi għal obbligu ta' non-diskriminazzjoni fl-Artikolu 3(2).

28. Għandu jiġi miċħud ukoll l-argument li l-obbligu ta' trasparenza jiddependi mill-eżekuzzjoni volontarja ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt u li, f'dan il-każ, jeżistu raġunijiet

ġustifikattivi jew ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 86(2) KE huma sodisfatti.

29. Fir-rigward tal-grad adegwat ta' reklamar, il-Kummissjoni ssostni li hi ma titlobx fil-każijiet kollha l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal offerti nazzjonali jew internazzjonali, iżda tista' tkun biżżejjed anki komunikazzjoni lil impriżi partikolari. Mhemmx bżonn li ssir proċedura ta' għoti ta' kuntratt bħal dik prevista mid-direttivi.

B — *L-Irlanda*

30. L-Irlanda tikkontesta l-bżonn ta' reklamar għas-servizzi in kwistjoni.

31. Sostanzjalment, il-Kummissjoni qed tikkontesta l-eżistenza ta' ftehim u mhux l-għoti ta' kuntratt ġdid. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet imsemmija mill-Kummissjoni mhumiex applikabbli għal dan il-każ, peress li ma tistax tintalab il-modifika ta' ftehim eżistenti.

32. Ma jeżisti l-ebda kuntratt jew ftehim ta' kwalunkwe tip ieħor bejn id-DCC u l-Authority. L-hekk imsejjaħ ftehim ta' Ġunju ta' l-1998 jikkonċerna konvenzjoni interistituzzjonali bejn żewġ entitajiet ta' dritt pubbliku u t-trattattivi dwar il-kontribut għall-ispejjeż magħmula mid-DCC.

33. Id-DCC jaġixxi bis-saħħa tal-kompetenza tiegħu, mogħtija lilu bil-liġi u f'ismu. Dan lanqas jaqa' taħt il-kontroll ta' l-Authority. Il-kontribut għall-ispejjeż mill-Authority ma jirrappreżentax kumpens u ma jagħmilx tajjeb għall-ispejjeż kollha.

34. L-Irlanda tosserva li s-servizzi in kwistjoni jaqgħu fil-kamp ta' l-applikazzjoni ta' l-Anness I B tad-Direttiva 92/50. Anki li kieku ġie ffirmat kuntratt bil-miktub, tapplika biss is-sistema iktar semplifikata msemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/50, jiġifieri l-Artikoli 14 u 16. Fil-każ kuntrarju, il-Kummissjoni kien ikollha tipproponi emenda korrispondenti tad-direttiva.

35. Mill-fatt li fl-Irlanda s-servizzi ta' ambulanza ta' emerġenza jingħataw mingħajr ħlas, jirriżulta li dawn mhumiex servizzi li normalment jiġu pprovduti bi ħlas. Għaldaqstant, lanqas ma huma applikabbli l-Artikoli 43 KE u 49 KE. Barra minn hekk, ma teżisti l-ebda diskriminazzjoni kontra l-impriżi privati barranin.

36. L-Irlanda ssostni wkoll li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi Telaustria u Telefonadress u CEI *et*[7] iċċitata mill-Kummissjoni mhijiex rilevanti.

37. L-Artikolu 295 KE jippermetti lill-Istati Membri jagħżlu liberament is-sistema ta' proprjetà.

38. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jsir riferiment għad-dispożizzjonijiet speċjali previsti għall-provvista ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali skond l-Artikoli 16 KE u 86(2) KE.

C — *L-intervenjenti*

39. Ir-Renju ta' l-Olanda, intervenjenti fil-kawża sabiex isostni lill-Irlanda, josserva li l-prinċipju ta' trasparenza ma jimponix l-obbligu li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/50. Barra minn hekk, teżisti sensiela ta' derogi għal dan il-prinċipju. Fl-ewwel lok, f'dan il-każ mhemmx fattur ta' kollegament mas-suq intern. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi mhijiex ippreġudikata. Ma teżisti ebda raġuni sabiex tiġi vverifikata l-kompatibbiltà mal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni. Jekk ma jintlaħaqx il-limitu impost mid-direttivi, lanqas tista' tiġi kkunsidrata l-applikabbiltà tar-rekwiżit ta' trasparenza.

7 — Sentenza tad-9 ta' Lulju 1987 (27/86 sa 29/86, Ġabra p. 3347).

40. Fit-tieni lok, l-obbligu ta' trasparenza mhuwiex applikabbli jekk id-dritt Komunitarju sekondarju jipprovdi regolament korrispondenti. Bl-istess mod ma japplikax fil-każijiet fejn id-Direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi jipprevedu deroga, bħal per eżempju, l-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva 92/50. Minħabba li d-direttivi jipprevedu armonizzazzjoni minima fir-rigward tat-trasparenza, l-Istati Membri jistgħu naturalment imorru lil hinn minn dan.

41. Fit-tielet lok, Stat Membru huwa obbligat josserva l-prinċipji tat-Trattat biss fil-każ li tkun inbdiet proċedura ta' għoti ta' kuntratt.

42. Fir-raba' lok, jeħtieġ li jiġi aċċertat jekk jeżistux raġunijiet ġustifikattivi jew ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 86(2) KE humiex sodisfatti.

43. Għal dak li jikkonċerna l-kontenut tar-rekwiżit tat-trasparenza, il-Gvern Olandiż josserva li jeħtieġ li jiġi ddeterminat x'inhu grad adegwat ta' reklamar. Tali evalwazzjoni għandha titħalla għall-awtorità kontraenti ta'

kull proċedura ta' għoti ta' kuntratti. F'Ottubru ta' l-2005, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' komunikazzjoni dwar l-interpretazzjoni tar-rekwiżit ta' trasparenza. Wasal għaldaqstant iż-żmien li l-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi bi preċiżjoni akbar il-kontenut ta' tali rekwiżit.

V — Analiżi

A — *Osservazzjonijiet preliminari*

44. Jeħtieġ li jiġi rrilevat li t-talba tal-Kummissjoni hija diretta biss sabiex jiġi aċċertat li l-provvista ta' servizzi partikolari tikser id-dispożizzjonijiet Komunitarji f'dan il-qasam. Dan, minnu nnifsu, jinvolvi aġir ta' l-Istat Membru konvenut fil-passat u, preċiżament, (ukoll) f'mument speċifiku, jiġifieri wara li ddekorra t-terminu ffissat fl-opinjoni motivata. Għalhekk, bħala regola, anki l-fatt li dan l-aġir ikompli jiġi adottat wara li jkun iddekorra l-imsemmi terminu, inkluża t-tolleranza ta' dan l-aġir, jista' jkun is-suġġett ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skond l-Artikolu 226 KE.

45. It-talba tal-Kummissjoni ma tirrigwardax il-kwistjoni, daqstant interessanti, jekk u b'liema mod, awtorità kontraenti partikolari jew persuna li tagħti konċessjoni partikolari għandhom l-obbligu li jitterminaw kuntratt diġà ffirmat. Din id-domanda tqum, però, għall-Irlanda safejn, jekk tiġi aċċertata l-illeċità tal-ftehim, hija tkun obbligata skond l-Artikolu 228(1) KE tieħu l-provvedimenti li tinvolvi l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [8].

46. Ir-rikors tal-Kummissjoni huwa limitat, f'dan il-każ, għal talba sabiex jiġi vverifikat jekk il-proċedura konkreta kellhiex tkun oġġett ta' sejħa għal offerti. B'dan jidher li l-Kummissjoni trid tfisser forma ta' avviż ta' kuntratt.

47. Din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu għalhekk mhijiex diretta sabiex jiġi stabbilit b'liema mod kellu jsir l-għoti tal-kuntratt f'dan il-każ, iżda hi limitata għad-determinazzjoni ta' l-illeċità tan-nuqqas ta' avviż ta' kuntratt.

48. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 49 KE jipprojbixxi "r-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti servizzi fil-Komunità fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat tal-Komunità barra dawk li lilha jingħataw is-servizzi. Barra minn hekk, hija ġurisprudenza kostanti li din id-dispożizzjoni titlob it-tneħħija tar-restrizzjonijiet kollha, anki jekk

8 — Sentenzi tat-18 ta' Novembru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-126/03, Ġabra p. I-11197, punt 26) u tat-3 ta' Marzu 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-414/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 11).

din hija applikata mingħajr distinzjoni kemm lil min jipprovdi servizzi nazzjonali kif ukoll dawk minn Stati Membri oħra, meta hi normali li jiġu pprojbiti jew imfixxklin l-attivitajiet ta' min jipprovdi servizzi li jkun stabbilit ġo Stat Membru ieħor, fejn ikun qed joffri b'mod legali, servizzi simili" [9].

49. Fir-rigward tal-bażi legali li l-vjolazzjoni tagħha għandha tiġi eżaminata f'din il-proċedura, għandhom jiġu kkunsidrati, min-ħabba l-formulazzjoni wiesa' tat-talba tal-Kummissjoni, li tilmenta minn nuqqas ta' twettiq ta' "obbligi tagħha skond it-Trattat", mhux biss l-Artikoli 43 KE u 49 KE, iżda anki l-prinċipji ġenerali tad-dritt u l-Artikolu 10 KE. Jista' jkun li din l-aħħar dispożizzjoni jkollha tiġi eżaminata mill-aspett tal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza [10].

50. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [11], id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju japplikaw meta l-proċedura ta' għoti tal-kuntratt ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' xi direttiva. Din il-kundizzjoni hija sodisfatta fir-rigward ta' l-għoti ta' kuntratt in kwistjoni f'din il-kawża, min-ħabba li dan ta' l-aħħar, fin-nuqqas ta' forma bil-miktub tal-kuntratt, kif ġie osservat korrettament mill-partijiet, ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/50.

51. Il-fatti li jiffurmaw il-bażi ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jirrigwardaw mekkaniżmu partikolari relattiv għall-użu ta' fondi pubbliċi għal servizzi partikolari. L-Irlanda stess tammetti l-eżistenza ta' xi forma ta' ftehim.

52. Kif turi s-sentenza Il-Kummissjoni vs Spanja, id-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi jinkludu wkoll ftehim ta' kollaborazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-entitajiet pubbliċi l-oħra [12]. Il-fatt li l-kawża ċċitata kienet tirrigwarda ftehim bil-miktub huwa irrilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża, peress li din għandha bħala suġġett l-applikazzjoni tad-dritt primarju u mhux l-issodisfar ta' rekwiżit stipulat fid-direttivi. Ir-rekwiżiti imposti mid-dritt primarju skond it-tip ta' rapport huma anqas riġidi minn dawk previsti mid-direttivi. F'kull każ huwa paċifiku li din il-kawża tinvolvi żewġ entitajiet distinti waħda mill-oħra.

53. Din il-kawża għandha bħala fus l-applikazzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi. Dan jippreżupponi li l-oġġett ta' l-

9 — Sentenza ta' l-20 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Franza (C-264/03, Ġabra p. I-8831, punt 66).

10 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-12 ta' April 2005 fil-kawża Coname (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4), punt 81 u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata.

11 — Sentenzi Coname, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16 u Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 32).

12 — Sentenza tat-13 ta' Jannar 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-84/03, Ġabra p. I-139, punti 38 *et seq*).

għoti tal-kuntratt in kwistjoni huwa "l-għoti ta' servizzi" skond l-Artikolu 50 KE.

54. Issa, jista' jiġi sostnut li t-trasport ta' morda u/jew it-trasport ta' emerġenza bħala regola, ma jitħallasx direttament mis-suġġett li juża s-servizz, iżda li l-ispejjeż relattivi jiġu addebitati lill-assigurazzjoni jew jitħallsu direttament mill-fondi pubbliċi. Peress li, abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja proprju fil-qasam tas-saħħa [13], huwa biżżejjed li l-korrispettiv ta' servizz jitħallas minn terz, ma tibqax teżisti l-ħtieġa ta' eżami dettaljat tas-sistema ta' fatturazzjoni tas-seivizzi in kwistjoni. Huwa f'kull każ paċifiku li l-East Coast Area Heath Board tħallas l-hekk imsejħa "contribution". Għaldaqstant għall-finijiet ta' din il-kawża, m'hemmx bżonn li tiġi stabbilita l-perċentwali ta' parteċipazzjoni tagħha fl-ispejjeż effettivi.

B — *Prinċipju: rekwiżit ta' trasparenza*

55. Din il-kawża għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tirrigwarda l-kwistjoni jekk ġiex ivvjolat il-prinċipju ta' trasparenza f'sitwazzjoni speċifika.

56. Kif diġà rrilevajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Coname, abbażi biss tad-direttivi, it-trasparenza tinkludi sensiela sħiħa ta' aspetti [14]. Din il-kawża tirrigwarda biss obbligi partikolari ta' reklamar fir-rigward ta' l-għoti ta' servizzi partikolari.

57. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jiġi ggarantit lil kull offerent potenzjali, "grad ta' pubbliċità adegwata li tippermetti ftuħ tal-konċessjoni ta' servizzi għall-kompetizzjoni kif ukoll tal-kontroll" [15]. Tali eżiġenza ovvjament ma tapplikax biss għall-kuntratti li billi jkunu fil-forma ta' konċessjoni, ma jaqgħux taħt id-Direttiva 92/50, iżda anki għal dawk li għal raġunijiet oħra ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-imsemmija direttiva jew tad-direttivi l-oħra dwar il-kuntratti. Dwar dan il-punt għandu jingħad ukoll, bħala preċiżazzjoni biss, li mhuwiex possibbli li jiġi applikat l-istess livell lill-għotjiet ta' kuntratti kollha irrispettivament mill-oġġett u l-valur tagħhom.

58. Il-kriterju għall-evalwazzjoni tal-leġittimità ta' l-aġir ta' l-Istat Membru konvenut jikkonsisti fil-verifika ta' jekk ġiex garantit livell adegwat ta' trasparenza.

13 — Sentenzi tat-28 ta' April 1998, Kohll (C-158/96, Ġabra p. I-1931), tat-12 ta' Lulju 2001, Vanbraekel *et* (C-368/98, Ġabra p. I-5363); tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms (C-157/99, Ġabra p. I-5473); u tat-13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u van Riet (C-385/99, Ġabra p. I-4509).

14 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 88 *et seq.*

15 — Sentenzi tas-6 ta' April 2006, ANAV (C-410/04, Ġabra p. I-3303, punt 21); u tat-13 ta' Ottubru 2005, Parking Brixen (C-458/03, Ġabra p. I-8612, punt 49).

59. B'hekk jeħtieġ li jiġi aċċertat jekk, f'dan il-każ, in-nuqqas ta' sejħa għal offerti jikkostitwixxix vjolazzjoni ta' dan ir-rekwiżit. Kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Coname, jeħtieġ li jiġi vverifikat "jekk l-assenjazzjoni tal-konċessjoni [...] tissodisfax ċerti kundizzjonijiet ta' trasparenza li, mingħajr ma neċessarjament jimplikaw li jeżisti obbligu li ssir sejħa għal offerti, huma, b'mod partikolari, ta' natura li jippermettu li impriża li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru [differenti ...] tkun tista' taċċedi għal informazzjoni adegwata dwar l-imsemmija konċessjoni qabel ma din tiġi assenjata b'mod li, kieku din l-impriża riedet, hija setgħet turi l-interess tagħha sabiex tikseb din il-konċessjoni" [16].

60. Għaldaqstant mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex tiġi stabbilita l-adegwatezza jeħtieġ li jittieħdu bħala riferiment dawk li huma interessati fl-assenjazzjoni konkreta. F'dan ir-rigward, għandhom jiġu kkunsidrati mhux biss l-offerenti li huma konkretament interessati, iżda anki ċ-ċirku tal-persuni potenzjalment interessati fl-Istati Membri l-oħra.

61. Għaldaqstant, jeħtieġ li jintgħażel il-grad ta' trasparenza li jissodisfa l-imsemmi rekwiżit. Huwa però xieraq li jiġi eżaminat jekk dan għandux iseħħ neċessarjament fil-forma ta' sejħa għal offerti jew avviż ta' kuntratt.

1. Ħtieġa ta' sejħa għal offerti

62. Jeħtieġ qabel xejn, li jiġi kkjarifikat jekk id-dritt primarju jitlobx fil-każijiet kollha l-hekk imsejħa sejħa għal offerti.

63. Jidher li din il-perspettiva hi sostnuta mis-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kawżi Parking Brixen u ANAV, fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li "l-Istati Membri ma jistgħux iżommu fis-seħħ leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi pubbliċi mingħajr kompetizzjoni [ohne Ausschreibung] billi tali għoti jikser l-Artikoli 43 KE jew 49 KE jew il-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' non-diskriminazzjoni u ta' trasparenza" [17].

64. Madankollu, jista' jkun il-każ ta' impreċiżjoni tal-verżjoni Ġermaniża tas-sentenza, peress li l-verżjoni Franċiża, fiż-żewġ kawżi, u b'mod analogu, il-verżjoni Taljana fil-kawża ANAV jitkellmu dwar "mise en concurrence" u "procedura concorrenziale". Għalhekk ma jsemmux konsapevolment "appel d'offres" jew "bando di gara", jiġifieri l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal offerti skond id-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi.

16 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 21.

17 — Sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, ANAV, punt 23, u Parking Brixen, punt 52.

65. Mill-bqija, fis-sentenza mogħtija mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Coname, il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni espressament li d-dritt primarju ma jitlobx, fil-każijiet kollha, sejħa għal offerti bħala forma ta' pubblikazzjoni għall-għoti tal-kuntratt [18].

66. Din is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għaldaqstant, għandha tiġi kkunsidrata bħala deċiżjoni li tistabbilixxi prinċipju u tikkostitwixxi għalhekk il-bażi għall-analiżi li ġejja. Dan jirriżulta wkoll minn kunsiderazzjoni ta' prinċipju, indipendentement mill-fatt li s-sentenza fil-kawża Coname ngħatat mill-Awla Manja u li s-sentenzi l-oħra juru impreċiżjonijiet lingwistiċi.

67. L-argument li mhuwiex permess, bħala regola, li jingħata kuntratt mingħajr reklamar (sejħa għal offerti) u jsir kuntatt direttament ma' impriżi partikolari ma jistax jiġi milqugħ minħabba l-fatt li derogi għal tali obbligu ta' pubblikazzjoni huma previsti anki mid-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi. Anki l-Kummissjoni tosserva espressament li, fil-fehma tagħha, mhuwiex il-każ li l-obbligi ta' reklamar previsti mid-Direttiva 92/50 jiġu ttrasferiti għad-dritt primarju. Jekk skond id-dritt primarju dejjem tintalab sejħa għal offerti, l-amministrazzjonijiet kontraenti jkunu suġġetti għal regoli iktar stretti fil-kuntesti li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi milli f'dawk li jaqgħu taħtu.

68. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza relattiva għall-kawża Coname, irrikonoxxiet ukoll ċerti derogi mill-osservanza ta' l-obbligi imposti mid-dritt primarju. Dawn id-derogi ser jiġu eżaminati separatament.

69. Għaldaqstant wieħed għandu jżomm f'moħħu li jista' jkun hemm kuntratti li ma jeħtiġux sejħa għal offerti, jew li tingħata pubbliċità għall-għoti tal-kuntratt.

70. F'dan il-kuntest, jidhirli li hu neċessarju li nfakkar l-opinjoni tiegħi diġà mogħtija fil-konklużjonijiet relattivi għall-kawża Coname [19], fejn sostnejt li ma teżistix sistema unitarja tad-dritt primarju fil-qasam ta' għoti ta' kuntratti; huwa minflok xieraq li ssir distinzjoni skond iċ-ċirkustanzi tal-kuntratt in kwistjoni. Din il-kawża toffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-possibiltà li tipprovdi l-preċiżazzjonijiet neċessarji.

18 — Sentenza Coname, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 21. Anki l-verżjoni Franċiża turi dan (un appel d'offres).

19 — Kawża ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punti 69 *et seq.*

2. Distinzjoni abbażi ta' l-għoti tal-kuntratt partikolari

71. Għalhekk jeħtieġ li wieħed jitlaq mill-prinċipju li l-kriterji tar-rekwiżit ta' trasparenza jiddependu miċ-ċirkustanzi ta' kull każ partikolari.

72. L-argumenti żviluppati iktar 'il quddiem jirrigwardaw, konformement mas-suġġett ta' dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-kriterji li jippermettu li ma ssirx sejħa għal offerti u huma intiżi sabiex jaċċertaw jekk tali kriterji kinux sodisfatti f'dan il-każ.

73. Minn naħa waħda, il-prinċipju li għandu jkun hemm possibbiltà ta' stħarriġ, il-prinċipju ta' proporzjonalità u dak ta' trattament ugwali jistgħu jkunu ta' gwida. Min-naħa l-oħra, għandhom jiġu kkunsidrati l-għanijiet tad-dispożizzjonijiet Komunitarji kollha dwar il-kuntratti, bħall-garanzija tal-kompetizzjoni u tas-suq intern, kif ukoll l-"effet utile" tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju.

74. Il-kontenut ta' l-obbligu ta' trasparenza f'kull każ jiddependi minn fatturi differenti, bħas-suġġett tal-kuntratt — jiġifieri jekk huwiex il-każ ta' provvista ta' servizzi, ta' provvista ta' oġġetti jew ta' xogħlijiet — u l-valur stmat tal-kuntratt.

75. Peress li din il-kawża tirrigwarda servizzi li jaqgħu taħt l-Anness I B tad-Direttiva 92/50, jiġifieri servizzi mhux prijoritarji, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk id-distinzjoni magħmula mid-direttiva bejn servizzi prijoritarji u servizzi li mhumiex prijoritarji tagħmilx sens fid-dritt primarju wkoll.

76. Tali kategorizzazzjoni li tinsab fid-direttivi tidher li hi bbażata fuq il-kunċett, ġeneralment applikabbli fil-qasam ta' kuntratti, li ċerti għotjiet ta' kuntratti huma iktar importanti minn oħrajn għas-suq intern, jiġifieri jqajmu l-interess ta' ċirku akbar ta' operaturi ekonomiċi, u preċiżament anki ta' l-impriżi ta' l-Istati Membri l-oħra. Dan l-aspett jista' jkun importanti b'mod partikolari għall-applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali, peress li dawn ta' l-aħħar jitolbu, bħala fatt, element transkonfini [20].

77. Minkejja li l-leġiżlatur Komunitarju ssuġġetta għas-sistema sħiħa tad-Direttiva 92/50 ċerti kategoriji ta' servizzi biss, jiġifieri dawk prijoritarji, minn dan ma jistax jiġi konkluż li s-servizzi l-oħra, u għalhekk is-servizzi mhux prijoritarji, mhumiex rilevanti għas-suq intern, jiġifieri essenzjalment li ma jistgħux jiġi pprovduti minn Stat għal ieħor. Għalkemm il-leġiżlatur Komunitarju żamm

20 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Coname (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 78).

din id-distinzjoni fit-test emendat, jiġifieri fid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi (ĠU L 134, p. 114) — u ta, fuq kollox, l-istess motivazzjoni[21] —, dan xorta waħda ma jeskludix, bħala regola, l-applikazzjoni tad-dritt primarju.

78. Li kieku kellu jiġi preżunt li s-servizzi mhux prijoritarji ma jinteressawx lill-offerenti ta' l-Istati Membri l-oħra, f'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni tkun marbuta turi li l-kuntratt in kwistjoni jista' fil-fatt iqajjem interess transnazzjonali potenzjali.

79. Huwa veru li, bħala regola, f'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni hija marbuta tagħti prova ta' l-osservazzjonijiet tagħha *de jure* u *de facto*. Minn dan jista' jiġi dedott obbligu fuq il-Kummissjoni li turi, abbażi ta' analiżi tas-suq, liema operaturi ekonomiċi jistgħu, fid-dawl tal-kompetizzjoni potenzjali, ikunu interessati fl-għoti tal-kuntratt propost; f'dan ir-rigward il-valur u s-suġġett tal-kuntratt jassumu rwol ċentrali.

80. La' l-osservazzjonijiet bil-miktub u lanqas l-osservazzjonijiet orali tal-Kummissjoni ma jissodisfaw l-imsemmija rekwiżiti. Abbażi ta' tali kriterju riġidu ta' l-oneru tal-prova, ir-rikors tal-Kummissjoni jkollu jiġi miċħud bħala infondat.

21 — Id-dsatax-il premessa.

81. F'dan ir-rigward, ma jistax madankollu jiġi injorat li l-Qorti tal-Ġustizzja, sa llum għadha ma applikatx kriterji daqshekk riġidi fil-qasam ta' l-għoti ta' kuntratti[22]. Bil-kontra, fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet kuntrarji, jista' jiġi sostnut li l-għoti ta' kuntratti ta' ċertu daqs, għandhom, fil-każ ta' dubju, jitqiesu li huma ta' interess potenzjali għall-impriżi ta' l-Istati Membri l-oħra.

82. Għal din il-kawża, jibqa' għalhekk validu l-prinċipju li għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha neċessarja għall-impriżi li huma potenzjalment interessati, sabiex jiddeċiedu dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' għoti u fil-preżentazzjoni ta' offerta. Id-dritt primarju f'ebda każ ma jeħtieġ dawk l-indikazzjonijiet li l-mudelli ta' sejħiet għall-offerti previsti fid-direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi jippreskrivu għar-reklamar[23].

83. Mill-atti jew mis-seduta ma jirriżultax li l-għoti speċifiku ta' kuntratt jiġġustifika, wara li wieħed jara l-karatteristiċi tal-kontenut tiegħu, l-omissjoni ta' xi tip ta' reklamar. La l-valur annwali tas-servizzi u lanqas is-suġġett tagħhom ma jwasslu biex wieħed jaħseb li din l-omissjoni hija konformi mad-dritt Komunitarju.

22 — Ara, per eżempju, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-158/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, ĠU 2005, C 330, p. 1).

23 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Coname (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 97).

84. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk din l-omissjoni setgħetx tiġi bbażata fuq derogi espressament previsti mid-dritt primarju u jew fuq raġunijiet ġustifikattivi rrikonoxxuti mill-ġurisprudenza fil-qasam ta' libertà fundamentali b'mod ġenerali jew fil-qasam ta' kuntratti.

85. Peress li, bħala fatt, ma sar proprju l-ebda reklamar tas-servizzi previsti, huwa inutli li jsir eżami dettaljat sabiex jiġi individwat il-mezz ta' pubblikazzjoni li kien imissu ġie addotat u li jiġi ddeterminat il-kontenut minimu tas-sejħa għal offerti.

C — *Eċċezzjonijiet u raġunijiet ġustifikattivi*

86. Iktar 'il quddiem, jeħtieġ li jiġi aċċertat jekk, minħabba l-effetti limitati tar-restrizzjonijiet, il-libertajiet fundamentali jiġux ippreġudikati jew le, jekk l-Istat Membru konvenut jistax jinvoka waħda mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jeskludu, b'mod ġenerali, il-miżuri meħuda mill-Istati Membri mill-applikazzjoni tad-dritt primarju, jekk hijiex sodisfatta xi waħda mir-raġunijiet ġustifikattivi previsti espressament mit-Trattat jew rikonoxxuti mill-ġurisprudenza jew jekk japplikax l-Artikolu 86(2) KE. Fl-aħħar jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk l-eċċezzjonijiet previsti mid-direttivi, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/50, japplikawx bħala tali jew b'analoġija.

1. Effetti limitati ta' l-għoti tal-kuntratt

87. Fis-sentenza tagħha fil-kawża Coname, il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet ġurisprudenza żviluppata fil-kuntest tal-moviment liberu tal-merkanzija, li tgħid li "minħabba f'xi ċirkustanzi partikolari, bħal per eżempju interessi ekonomiċi pjuttost żgħar, jista' raġonevolment jingħad li impriża li tinsab fi Stat Membru [differenti ...] ma tkunx interessata fil-konċessjoni in kwistjoni u li l-effetti fuq il-libertajiet fundamentali kkonċernati għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati bħala inċerti u indiretti [wisq] biex eventwalment jiġi konkluż li dawn il-libertajiet ġew ivvjolati" [24].

88. Indipendentement mill-fatt li mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit b'ċertezza l-limitu għall-irrilevanza, il-kuntratt in kwistjoni ma jissodisfa bl-ebda mod l-imsemmija rekwiżiti, peress li huwa ta' valur ekwivalenti għal xi miljuni sterlina Irlandiża fis-sena. Jidher li, fis-sena 2001, il-valur tas-servizzi fis-sena kien diġà jammonta għal iktar minn 7 miljun sterlina, u b'hekk qabeż b'ħafna l-valur limitu stabbilit mid-Direttiva 92/50.

24 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 20.

2. Raġunijiet ġustifikativi espressament regolati mit-Trattat

89. Qabel xejn jeħtieġ li jiġu mfakkra d-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jeskludu b'mod ġenerali — għalkemm fil-preżenza ta' ċerti rekwiżiti — il-miżuri adotati mill-Istati Membri, mill-applikazzjoni tad-dritt primarju. Fil-qasam tal-kuntratti, huma rilevanti, fl-ewwel lok, id-derogi li jirrigwardaw is-sigurtà, u preċiżament l-Artikoli 296 KE u 297 KE. Madankollu, fin-nuqqas ta' bażi għalihom, l-imsemmija derogi ma jistgħux jiġu applikati f'dan il-każ.

90. L-Istati Membri jistgħu wkoll jinvokaw ir-raġunijiet ġustifikativi previsti espressament fit-Trattat mill-Artikolu 46 KE flimkien ma' l-Artikolu 55 KE, li huma l-ordni pubbliku jew is-sanità. F'dan il-każ għandu, madankollu, jiġi osservat li l-Istat Membru konvenut ma ddefendiex ruħu billi wera l-eżistenza ta' raġuni ġustifikattiva ta' dan it-tip [25].

91. Raġuni ġustifikattiva relattiva għall-awtorità pubblika, jiġifieri bbażata fuq l-Artikolu 45 KE, tippreżupponi min-naħa tagħha li jkunu ġew sodisfatti ċerti rekwiżiti. Skond ġurisprudenza kostanti, "billi jidderogaw mir-regola fundamentali tal-libertà ta' stabbiliment, l-Artikoli 45 KE u 55 KE għandhom jingħataw interpretazzjoni li tillimita l-iskop tagħhom għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġu ssalvagwardati l-interessi li dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-Istati Membri jipproteġu" [26].

92. Skond ġurisprudenza kostanti, ir-regolamentazzjoni tad-derogi previsti minn dawn l-Artikoli għandha tiġi limitata għall-attivitajiet li, fihom infushom, jikkostitwixxu parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika [27].

93. F'dan il-każ, madankollu, mhumiex sodisfatti r-rekwiżiti stabbiliti mill-ġurisprudenza sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati tali raġunijiet ġustifikattivi espressament regolati.

25 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Franza (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 9, punt 69).

26 — Sentenzi tal-15 ta' Marzu 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (147/86, Ġabra p. 1637, punt 7); tad-29 ta' Ottubru 1998, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-114/97, Ġabra p. I-6717, punt 34), kif ukoll tat-30 ta' Marzu, Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti (C-451/03, Ġabra p. I-2941, punt 45).

27 — Sentenzi tal-21 ta' Ġunju 1974, Reyners (Ġabra p. 631, punt 45); tat-13 ta' Lulju 1993, Thijssen (Ġabra p. I-4047, punt 8); tad-29 ta' Ottubru 1998, Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 35); tal-31 ta' Mejju 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-283/99, Ġabra p. I-4363, punt 20), u Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 26, punt 46).

3. Raġunijiet ġustifikattivi mhux espressament previsti fit-Trattat jew motivi ta' interess ġenerali

94. Skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja [28], applikata bħala regola, anki fil-qasam ta' kuntratti [29], ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment u l-liberta' li jiġu pprovduti servizzi jistgħu jiġu ġġustifikati biss jekk jissodisfaw ċerti rekwiżiti.

95. Skond din il-ġurisprudenza, l-imsemmija restrizzjonijiet iridu jkunu ġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, iridu jkunu adatti sabiex jiggarantixxu l-kisba ta' l-iskop imfittex u m'għandhomx jaqbżu dak li huwa meħtieġ biex jiksbuh. F'kull każ, għandhom ikunu applikabbli b'mod mhux diskriminatorju.

96. F'dan ir-rigward, jeħtieġ madankollu li tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-Istat Membru konvenut ma weriex li raġunijiet ġustifikattivi rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja jew raġunijiet ta' interess ġenerali, bħal per eżempju, il-protezzjoni tal-konsumaturi, kienu jiġġustifikaw l-aġir magħżul.

97. Fl-aħħar nett, għandha tiġi mfakkra r-raġuni ġustifikattiva taċ-"ċirkustanzi oġġettivi" [30] stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja. Ma jeħtieġx li ssir iktar diskussjoni dwar din il-possibiltà, mhux spjegata f'iktar dettall mill-Qorti tal-Ġustizzja, li tippermetti li ċerti dispożizzjonijiet nazzjonali jiġu ġġustifikati. B'mod partikolari, m'hemmx bżonn li jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti għall-applikazzjoni tagħha, peress li l-Irlanda ma ppreżentat ebda argument f'dan is-sens.

4. L-Artikolu 86 KE

98. F'din il-kawża, ġie diskuss ukoll l-Artikolu 86 KE.

99. Fir-rigward ta' l-għoti tal-kuntratt f'dan il-każ għandu jiġi rrilevat li, fir-realtà, dan huwa każ ta' għoti ta' drittijiet esklużivi, u preċiżament fil-kuntest ta' servizzi ta' emerġenza, jew is-servizz ta' ambulanza ta' emerġenza.

100. F'dan ir-rigward, tqum il-kwistjoni jekk jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 86(1) KE anki l-għoti ta' drittijiet simili fih innifsu u mhux biss il-miżuri ulterjuri nazzjonali li jirrigwardaw lill-

28 — Ara, per eżempju, is-sentenzi tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus (C-19/92, Ġabra p. I-1663, punt 32), tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 37) u tas-6 ta' Novembru 2003, Gambelli *et* (C-243/01, Ġabra p. I-13031, punti 64 *et seq*).

29 — Ara, per eżempju, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 35).

30 — Sentenza Coname ċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4, punt 23: "Għal dak li jikkonċerna ċ-ċirkustanzi oġġettivi li jistgħu jiġġustifikaw tali differenza ta' trattament, għandu jiġi rrilevat li l-fatt waħdu li l-Komun ta' Cingia de' Botti jżomm 0.97 % tal-kapital tal-Padania ma jikkostitwixxix waħda miċ-ċirkustanzi oġġettivi".

impriżi, li lilhom l-Istati Membri jagħtu drittijiet esklużivi jew partikolari. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jiġu dedotti indikazzjonijiet li l-għoti stess ta' drittijiet esklużivi, u preċiżament bħall-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti, ukoll jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 86(1) KE moqri flimkien ma' l-Artikolu 82 KE. Madankollu, dan ma jfissirx li tali għoti huwa pprojbit wkoll [31]. Il-konformità mad-dritt Komunitarju ta' tali għoti, jiġifieri tad-dritt għall-provvista ta' servizzi ta' emerġenza mid-DCC, għandha tiġi aċċertata abbażi ta' dispożizzjonijiet oħra u mhux abbażi ta' l-Artikolu 86(1) KE. Fil-fatt anki l-Artikolu 86 (2) KE jagħmel parti mid-dispożizzjonijiet ta' dritt sostantiv li huma rilevanti għal dan il-każ. Tali dispożizzjoni, li tirrigwarda l-miżuri adottati mill-impriżi kkonċernati, b'hekk tikseb rilevanza anki fir-rigward ta' miżuri adottati mill-Istat.

101. Però, din il-kawża m'għandhiex bħala suġġett it-trasferiment tad-drittijiet lill-Authority, iżda l-operat tagħha fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi ta' interess ġenerali, jiġifieri l-għoti ta' dawn ta' l-aħħar b'kuntratt, jiġifieri ċ-ċessjoni tas-servizzi awtoambulanza ta' emerġenza lid-DCC. L-Artikolu 86 (2) KE jikseb importanza ġuridika b'relazzjoni ma' l-operat ta' l-entitajiet, li lilhom ġew ittrasferiti drittijiet partikolari.

102. Fir-rigward ta' l-għoti ta' servizzi ta' ambulanza ta' emerġenza lid-DCC, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-Authority tissodisfax ir-rekwiżiti previsti mill-Artikolu 86(2) KE, jiġifieri jekk huwiex il-każ ta' impriża konċessjonarja ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali u jekk l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dritt primarju kinitx tostakola t-twettiq, fid-dritt u fil-fatt, tal-funzjonijiet mogħtija lilha.

103. Jeħtieġ jiġi rikonoxxut, bħala regola, li l-fatt li ssir proċedura ta' għoti ta' kuntratt permezz ta' sejħa għal offerti jista', f'każijiet partikolari, tkun ta' ostaklu għat-twettiq tal-funzjonijiet minħabba ż-żmien ta' implementazzjoni involut u t-terminu għall-preżentazzjoni ta' l-offerti. Dan jista', per eżempju, iseħħ fil-każ ta' impriża ta' utilità pubblika, jekk tali proċedura tipprovoka interruzzjoni jew dewmien fid-distribuzzjoni tad-dawl jew ta' l-ilma.

104. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jeħtieġ, għaldaqstant, li jiġi vverifikat b'liema mod kien meħtieġ li tiġi limitata l-kompetizzjoni jew li tiġi eskluża kull tip ta' kompetizzjoni mill-operaturi ekonomiċi l-oħra, sabiex sid ta' dritt esklużiv jiġi permess jeżerċita l-funzjoni tiegħu ta' interess ġenerali f'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli [32].

31 — Ara, per eżempju, is-sentenzi tat-23 ta' April 1991, Höfner u Elser (C-41/90, Ġabra p. I-1979, punt 29), ta' l-10 ta' Diċembru 1991, Merci Convenzionali Porto di Genova (C-179/90, Ġabra p. I-5889, punt 16) u tas-17 ta' Novembru 1992, Spanja *et* vs Il-Kummissjoni (C-271/90, C-281/90 u C-289/90, Ġabra p. I-5833, punti 35 *et seq*).

32 — Sentenzi tad-19 ta' Mejju 1993, Corbeau (C-320/91, Ġabra p. I-2533, punt 16) u tal-25 ta' Ottubru 2001, Ambulanz Glöckner (C-475/99, Ġabra p. I-8089, punt 57).

105. Minkejja li mhuwiex meħtieġ li l-fatt li ssir sejħa għal offerti jwassal għal theddida għas-sopravivenza ta' impriża, jeħtieġ li mill-anqas jintwera li dan jostakola l-issodisfar, fid-dritt jew fil-fatt, ta' l-obbligi speċifiċi imposti fuq tali impriża[33].

106. F'dan ir-rigward, l-Istat Membru konvenut ma kienx f'pożizzjoni li juri li l-aġir adottat kien meħtieġ biex jippermetti lid-DCC twettaq il-funzjonijiet tagħha f'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli.

107. Għaldaqstant, mhuwiex neċessarju li jiġi aċċertat jekk id-DCC hijiex fil-verità impriża li lilha ġew assenjati funzjonijiet ta' interess *ekonomiku* ġenerali.

108. Barra minn hekk, f'dan il-kuntest jeħtieġ li jiġi mfakkar li l-Artikolu 86(2) KE, bħala dispożizzjoni li tippermetti eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, għandu jiġi interpretat restrittivament[34]. F'din il-kawża l-Artikolu 16 KE ma jbiddel xejn.

33 — Sentenza tat-23 ta' Ottubru 1997, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-157/94, Ġabra p. I-5699, punt 43).

34 — *Ibid*, punt 57.

5. L-applikazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet imsemmija fid-direttivi

109. L-aħħar kunsiderazzjoni tirrigwarda l-applikazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' pubblikazzjoni ta' sejħa għal offerti, previsti fid-direttivi.

110. Jeħtieġ li wieħed jitlaq mill-prinċipju li fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt primarju, ma jistgħux jiġu applikati eżattament l-istess dispożizzjonijiet previsti mid-direttivi għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti. Naturalment, dan ma jeskludix li xi dispożizzjonijiet bħal, per eżempju, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, jistgħu japplikaw barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi wkoll — għal-kemm skond bażi legali oħra, bħal prinċipju ġenerali tad-dritt.

111. Kif diġà ġie osservat ħafna drabi[35], fid-dritt primarju għandhom għall-inqas jiġu rrikonoxxuti d-derogi korrispondenti għal dawk regolati mid-direttivi[36]. B'hekk m'għandux jiġi eskluż li hemm ukoll xi

35 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Coname (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4), punt 93, u l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Jacobs, li ngħataw wara, tat-2 ta' Ġunju 2005, fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja (sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, Ġabra p. I-9405, punt 47).

36 — Artikolu 11(3) tad-Direttiva 92/50 kif ukoll l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2004/18.

każijiet li fihom proċedura ta' għoti ta' kuntratt tista' ssir mingħajr proċedura ta' pubblikazzjoni minn qabel, jiġifieri mingħajr ma ssir sejħa għal offerti.

112. Fir-rigward ta' dan it-tip ta' eċċezzjonijiet hawnhekk huwa xieraq li jiġi osservat li l-Istat Membru konvenut ma invoka l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet previsti mid-Direttiva 92/50 biex issir proċedura negozjata mingħajr avviż tal-kuntratt.

6. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/50

113. Matul il-proċedura, ġiet diskussa ħafna drabi l-applikabbiltà ta' l-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/50. Din id-dispożizzjoni teskludi l-applikabbiltà ta' din id-direttiva għall-kuntratti pubbliċi għal servizzi jekk ikunu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet — wieħed minnhom huwa li l-appaltatur jibbenefika minn dritt esklużiv.

114. Fir-rigward ta' l-applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni derogatorja, jeħtieġ li jiġi rilevat, bħala regola, li din tista' tiġi kkunsidrata biss jekk l-għoti tal-kuntratt jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/50. Madankollu, peress li mhuwiex ikkontestat li r-rekwiżiti l-oħra għall-applikabbiltà tad-Direttiva 92/50 mhumiex sodisfatti, mhemmx għalfejn jiġi aċċertat jekk f'dan il-każ jeżistix dritt esklużiv.

115. F'kawża għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat konvenut għandu jagħti l-eventwali raġunijiet sabiex isostni l-inapplikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju. F'dan il-każ, id-diskussjoni, madankollu, kienet limitata għall-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/50 fis-sens strett.

116. Il-partijiet ma daħlux iktar fid-dettal dwar jekk fid-dritt primarju teżistix eċċezzjoni simili, possibbilment bħala raġuni ġustifikattiva jew "ċirkustanza oġġettiva" skond is-sentenza Coname, li għandha l-effett li teżenta dawn it-tipi ta' prattika mill-applikazzjoni tad-dritt primarju wkoll.

D — *Konklużjoni*

117. Kollox ma' kollox, mill-eżami tal-fatti li dwarhom ilmentat il-Kummissjoni rriżulta li ma kinux jeżistu ċirkustanzi li kienu jippermettu li s-servizzi in kwistjoni jiġu pprovduti mingħajr ma tingħata xi tip ta' reklamar.

118. Għalkemm jistgħu jeżistu proċeduri ta' għoti ta' kuntratti li jippermettu li ma jsir ebda reklamar, f'dan il-każ ma kinux jeżistu tali ċirkustanzi, jew għall-anqas ma ġewx ipprovati.

VI — Fuq l-ispejjeż

119. Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Irlanda tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni kif mitlub minnha. ir-Renju ta' l-Olanda, parti intervenjenti fil-kawża, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 69(4) tar-Regoli ta' Proċedura.

VII — Konklużjoni

120. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li:

1. tiddikjara li l-Irlanda, billi ppermettiet li s-servizzi ta' ambulanza ta' emerġenza jiġu pprovduti mid-Dublin City Council, mingħajr ma' l-Eastern Regional Health Authority ħadet ebda miżura ta' reklamar, għalkemm ma kienet teżisti ebda ċirkustanza li kienet tippermetti lill-Irlanda taġixxi b'dan il-mod, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond it-Trattat;

2. tikkundanna lill-Irlanda għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej;

3. tordna li r-Renju ta' l-Olanda jbati l-ispejjeż tiegħu.